**9 ta' Marzu, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

George Attard

*versus*

Charles Grima *et*

**Manuvra ta' Sorpass – Inċident Awtomobilistiku – Danni**

*Sewwieq ta' vettura qabel ma jagħmel manuvra ta' sorpass għandu jkun żgur illi qabel ma jagħmel din il-manuvra, jista' jagħmilha b'sikurezza.*

*Il-Qorti sabet illi wieħed mill-konvenuti unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku mertu tal-kawża.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi fid-9 ta' Frar, 1984 f'*Notabile Road,* Attard, għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart ta' fil-għodu l-karozza numru C – 9162 misjuqa mill-konvenut Charles Grima kienet involuta f'kollizzjoni mal-karozza numru E – 1828 misjuqa mill-atturi;

u illi ftit qabel ma ġara l-inċident il-konvenuta Maria Carmela Muscat kienet qed timxi lura bil-karozza tagħha fuq il-*lane* ta' barra minn fejn kien ġej l-attur;

u illi, għalhekk, bl-aġir tagħhom il-konvenuti kkawżaw danni lill-attur;

u illi l-konvenuti interpellati biex iħallsu d-danni baqgħu inadempjenti;

Talab li l-istess konvenuti jgħidu għaliex din il-Qorti ma għandhiex:

1. Tiddikjara li l-kollizzjoni unikament tort tal-konvenuti bejniethom jew minn wieħed minnhom u li, konsegwentement, tikkundanna lill-konvenuti jew lil wieħed minnhom responsabbli għad-danni kkaġunati lill-attur;

2. Tillikwida l-istess danni;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti jew wieħed minnhom

iħallsu lill-attur is-somma hekk illikwidata;

bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra bonarja tal-25 ta' Novembru, 1984 kontra l-konvenuti minn issa nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xiehda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Grima li biha eċċepixxa illi l-kollizzjoni mertu ta' din il-kawża ma ġratx tort ta' l-eċċipjenti iżda minħabba negliġenza fis-sewqan tal-konvenuta Carmela Muscat u illi d-domandi attriċi, fil-konfront ta' l-eċċipjenti, huma infondati fil-fatt u fil-liġi;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xiehda tal-konvenut Grima;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha eċċepiet illi t-talbiet attriċi, in kwantu diretti lejha, huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li hi ma kellha x'taqsam xejn mal-kollizzjoni mertu tal-kawża;

*Omissis;*

Din il-kawża tirrigwarda kollizzjoni li ġrat fid-9 ta' Frar, 1984, għall-ħabta tas-6.45 p.m., f'*Notabile Road,* Attard eżattament ftit 'il fuq minn fejn hemm *Oxford House*. *Fin-nofs tat-triq hemm 'centre strip'* li tissepara l-parti tat-triq li tagħti għar-Rabat minn dik li tagħti għall-Belt. Il-ħabta saret bejn il-karozza bin-numru tar-reġistrazzjoni E – 1828 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni C – 9162 misjuqa mill-konvenut. Dawn iż-żewġ vetturi kienu fil-parti tat-triq li tagħti

fid-direzzjoni tar-Rabat. Il-karozza tal-konvenuta bin-numru tar-reġistrazzjoni N – 4181 kienet fuq il-karreġġjata ta' barra biswit is-'*centre strip*' u ma ntlaqtitx però xorta waħda ġiet imħarrka għaliex qiegħed jiġi allegat li meta ssuċeda l-inċident stradali in kwistjoni hija kienet qiegħda tirriversja;

F'dan l-inċident, il-Pulizija ma kinux marru fuq il-post biex jagħmlu '*sketch*' u, fil-fatt, l-*isketch* esibit bħala Dok. M sar fl-Għassa ta' Birkirkara fuq l-informazzjoni li taw l-attur u l-konvenut fl-assenza tal-konvenuta. *Di più*, kemm l-attur kif ukoll il-konvenut ma jaqblux kompletament ma' dan id-dokument. Fiċ-ċirkustanzi, din il-Qorti jidhrilha li dan l-*isketch* huwa inattendibbli u, għalhekk, taqbel mal-perit legali meta qal li dan mhux korrett u wieħed ma jistax jasal għall-konklużjoni a bażi tiegħu;

Jirriżulta li dakinhar ta' l-inċident it-triq kienet imxarrbà;

Jirriżulta wkoll bħala fatt li fl-imsemmija triq fuq in-naħa tal-ġenb, kien hemm karozza stazzjonarja li kellha '*puncture*' u li, ftit 'il bogħod minnha, ukoll ħdejn il-ġenb, kien hemm iparrkjata *Mini Minor* bajda;

Jirriżulta wkoll li l-konvenuta, li kienet qiegħda ssuq il-vettura tagħha fuq l-'*outer lane*' u, għalhekk, fid-direzzjoni lejn ir-Rabat, lemħet lil din il-karozza bil-'*puncture*' li kienet ta' ħabiba tagħha u reġgħet lura, fl-istess linja, għal xi tliet metri, biex tistaqsi lil ħabiba tagħha jekk kellhiex bżonn ta' xi għajnuna;

Din il-qorti taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali li l-konvenuta ma kinitx qiegħda treġġa' lura fil-mument li ġrat il-kollizzjoni iżda, għall-kuntrarju, hi kienet wieqfa meta l-attur

effettwa s-sorpass mingħajr ma dan qatt ġie kkonfrontat b'xi emerġenza minħabba dan il-waqfien tagħha. L-istess perit ikkonkluda li l-manuvra tal-konvenuta meta reġgħet lura kienet tkun waħda rresponsabbli kieku saret filwaqt li kien qiegħed javviċina xi traffiku. Iżda, dan ma kienx il-każ u mill-kumpless tal-provi jidher li l-konvenuta kienet ferm attenta fl-esekuzzjoni tal-manuvra tagħha;

*Omissis;*

Il-perit legali kkonkluda sewwa meta qal li meta saret il-manuvra tas-sorpass, kemm mill-attur kif ukoll mill-konvenut, dawn kellhom qabel xejn jaċċertaw ruħhom li tali manuvra setgħet issir mingħajr perikolu u in sostenn ta' dan il-prinċipju tant bażilari huwa ċċita dak li ġie ritenut mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Alfred Zammit Cutajar *noe vs* Joseph Formosa *et*", deċiża fis-26 ta' Ġunju, 1961 u ċjoè li "Id-*driver ta' karozza li jiġi biex jissorpassa karozza oħra għandu jkun żgur*, qabel ma jagħmel dik il-manuvra, illi jista' jagħmilha b'sikurezza". (Vol. XLV, p. 253);

Il-konklużjoni li wasal għaliha l-perit legali fir-rigward ta' l-attur fuq l-iskorta ta' dan il-prinċipju, hija li dan uża d-diliġenza kollha fil-manuvra tiegħu biex jissorpassa lill-konvenuta iżda ma setax jgħid l-istess fil-konfront tal-konvenut. Difatti, f'dan ir-rigward huwa jikkonkludi dan li ġej: "Jiġi rrilevat li l-konvenut Grima kien fl-obbligu li jesplora sew dak li kien hemm quddiemu qabel ma jeffettwa s-sorpass. Jirriżulta mid-disposizzjoni ta' l-istess konvenut Grima illi dan, fil-fatt, ma tantx kien qiegħed jagħti każ tas-sitwazzjoni tat-traffiku li kienet inħolqot quddiemu, tant li meta ġie mistoqsi biex jispjega kif kien li ra l-karozza ta' l-attur meta dan kien tul ta' van 'il bogħod minnu, dan wieġeb:

"Qabel ma stajtx narah, peress illi jien kont moħħni fil-karozza pparkjata, u hekk kif mort niskapula sibt li l-ieħor iċċaqlaq 'il ġewwa għan-nofs". Dan jammonta għal nuqqas ta' *'proper look-out'* da parti tal-konvenut Grima, u speċjalment meħud in konsiderazzjoni l-fatt li t-triq kienet imxarrba u li hu kien għaddej b'veloċità";

Illi, wara li l-perit wasal għal din il-konklużjoni, huwa għadda biex jikkonsidra jekk l-attur setax ikkontribwixxa għall-inċident stradali in kwistjoni minħabba li kien wieqaf f'nofs it-triq. Anki f'dan ir-rigward, però, il-perit legali huwa tal-fehma li li kieku l-konvenut kien qiegħed iżomm *'a proper look-out'*, kif kien obbligat jagħmel, u ma kienx qiegħed isuq b'veloċità, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ma kienx isib il-karozza ta' l-attur f'daqqa quddiemu;

L-istess perit legali kkonkluda l-parti tar-rapport tiegħu li titratta dwar ir-responsabbilità għall-kollizzjoni b'dan il-mod: "...fl-opinjoni tas-sottoskritt kemm il-konvenuta Muscat kif ukoll l-attur ma għandhomx jiġu ritenuti responsabbli għall-inċident in kwisjtoni, mentri għandu jiġi ritenut unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni l-konvenut Grima";

Din il-Qorti taqbel ma' dawn il-konklużjonijiet u tikkondividi l-fehma illi l-kollizzjoni ġrat unikament ħtija tan-nuqqas tal-konvenut fl-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Ikkunsidrat:

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni rigward l-ammont ta' danni rreklamati mill-attur. Dawn jinsabu llikwidati mill-perit legali fis-somma komplessiva ta' tliet mija u tmintax-il lira Maltija

u wieħed u erbgħin ċenteżmu (Lm318.41) – ammont li huwa sostnut b'irċevuti u l-Qorti tqisu raġonevoli u ppruvat. Firrigward ta' l-ispejjeż tal-kawża, il-Qorti jidhrilha li l-attur kien iġġustifikat li jħarrek liż-żewġ konvenuti u m'għandux ibati spejjeż;

Għal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeċidi l-kawża billi, prevja l-akkoljiment tar-relazzjoni peritali fl-intierezza tagħha, tiddikjara lill-konvenut Charles Grima unikament responsabbli għall-inċident riferit fl-att taċ-ċitazzjoni u, konsegwentement, (1) tilqa' t-talbiet attriċi; (2) tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Charles Grima; (3) tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuta Maria Carmela Muscat u (4) tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur bħala konsegwenza ta' l-inċident li ġara unikament ħtija tal-konvenut Grima fl-ammont ta' tliet mija u tmintax-il lira u wieħed u erbgħin ċenteżmu (Lm318.41) u (5) tikkundanna lill-konvenut Grima jħallas lill-attur is-somma hekk illikwidata;

L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-konvenut Grima.